**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 162239** **13.10.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***"Li tkun fil-korp hija għażla tajba l-għaliex din hija waħda mill-aktar jekk mhux l-aktar professjoni nobbli li mingħajra s-soċjetá tikkrolla"***

Aktar kmieni matul il-jum, 120 kadett tal-Pulizija mmexxija mill-Kmandant tal-Akkademja tal-Pulizija s-Sur Joe Cachia, għamlu żjara fil-Parlament fejn kienu milqugħa mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia.

Waqt l-indirizz tiegħu, l-iSpeaker Anġlu Farrugia spjega kif jiffunzjona l-Parlament u l-proċess leġislattiv, ix-xogħol li jsir fil-Parlament fosthom fil-Kumitati Parlamentari, u l-importanza tal-irwol tal-Membru Parlamentari li jiskrutinizza l-operat tal-Gvern għall-ġid komuni u għat-tisħiħ tad-demokrazija.

Matul il-laqgħa, l-iSpeaker tkellem ukoll dwar żvilupp parlamentari importanti, ċioè, l-Abbozz ta' Liġi dwar *standards* fil-ħajja pubblika li jipprovdi għall-ħatra ta' Kummissarju u Kumitat Permanenti bis-setgħa li jinvestigaw ksur ta' dmirijiet statutorji jew etiċi ta' persuni fil-ħajja pubblika, inkluż il-Membri Parlamentari.

Fi tmiem id-diskors tiegħu, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia, li hu stess kien iservi fil-Korp, aċċenna għall-opportunitajiet li l-Pulizija għandhom fil-Korp. Huwa tenna li huwa ta' importanza liema bħala li kull kadett ikun jaf sew il-liġijiet mhux biss għall-skop ta' studju iżda biex iservu bl-aqwa mod liċ-ċittadin f'kwalunkwe sitwazzjoni. Huwa qal li tkun fil-korp huwa għażla tajba l-għaliex din hija waħda mill-aktar jekk mhux l-aktar professjoni nobbli li mingħajra s-soċjeta' tikkrolla.

L-Ispeaker awgura liż-żgħażagħ li se jibdew il-karriera tagħhom fil-Korp tal-Pulizija.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**